Qorti ta' l-Appell

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 409/2011AE

**Peter Saffrett (K.I. 433567M)**

**vs**

**Darren Galea (K.I. 182881M)**

L-Erbgha, 23 ta' Marzu 2016.

**Il-Qorti:**

Rat l-Avviz tar-rikorrent datat 15 ta' Dicembru 2011 li permezz tieghu talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-intimat ihallsu s-somma ta' hamest elef mija u erbghin Ewro (Eur5,140) rapprezentanti bejgh ta' oggetti u merkanzija lill-istess intimat. Bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Rat ir-Risposta tal-intimat[1] li permezz taghha rrespinga l-pretensjonijiet tar-rikorrent ghax (i) huwa ma kienx debitur tar-rikorrent; (ii) anzi huwa r-rikorrent li ghandu jaghti xi flus lilu; (iii) kwalunkwe pretensjoni ta' hlas mir-rikorrent ghandha tigi pruvata skont il-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Mejju 2015 li ddecidiet hekk:

*"Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel u tieni eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' it-tielet eccezzjoni tieghu limitatament ghall-pretensjoni tal-hlas tas-somma ta' €1,540 rapprezentanti l-valur ta' l-oggetti elenkati fil-prospett a fol.38 tal-process, tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' €3,600 rapprezentanti l-valur tax-xoghol ta' helu fornut lill-konvenut u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' €3,600, bl-imghax legali dekoribbli mill-20 ta' Lulju 2011, id-data ta' l-ahhar konsenja, sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal ¼ mill-attur u ¾ mill-konvenut."*

Dan wara li l-istess Qorti ghamlet fost ohrajn is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

[1] Fol 10

i. Il-pretensjoni tar-rikorrent ghall-valur ta' xoghol ta' helu mibjugh u konsenjat lill-intimat tirrizulta minn diversi fatturi esibiti in atti li fit-total taghhom jammontaw ghas-somma totali ta' Eur3,655.72; ma' dawn ir-rikorrent talab hlas ukoll tal-valur ta' oggetti li huwa kkontenda li kien ta lill-intimat fis-somma ta' Eur1,540. Total ta' Eur5,195.72;

ii. L-intimat ma cahadx li r-rikorrent kien ifornih bix-xoghol tal-helu u rrikonoxxa li certu Antoine Camilleri, il-firmatarju tal-maggor parti tal-fatturi esibiti, kien awtorizzat minnu biex jigbor ix-xoghol minghand ir-rikorrent u anke biex jiffirma l-fatturi;

iii. Salv ghax-xoghol imsemmi f'fattura wahda (Dok PS 1), l-intimat insista li r-rikorrent kien thallas tax-xoghol kollu fornut lilu. Ghal dan l-iskop huwa esebixxa numru ta' cekkijiet;

iv. Il-Qorti nnutat li filwaqt li l-fatturi esibiti mir-rikorrent ikopru l-perjodu mit-30 ta' Mejju 2011 sal-20 ta' Lulju 2011, uhud mic-cekkijiet esibiti mill-intimat kienu datati qabel it-30 ta' Mejju 2011. Dwar il-bqija tac-cekkijiet, peress li l-intimat kien xehed li huwa johroghom *post-dated*, huwa ma kienx f'pozizzjoni li jallaccja pagament ma' fattura jew fatturi partikolari. Huwa lanqas ma zamm rendikont ta' liema fatturi kien qieghed jaqta' bil-pagamenti effettwati minnu;

v. Dwar id-disgwid li qam bejn il-partijiet fuq ir-*returns* tax-xoghol, l-intimat ma gab ebda prova li turi li l-ftehim li kellu mar-rikorrent kien li r-rikorrent jaccetta *r-returns* lura. It-tezi tar-rikorrent li bejnu u bejn l-intimat ma kienx hemm dan il-ftehim kienet aktar attendibbli;

vi. L-intimat ghalhekk kellu jhallas lir-rikorrent ghax-xoghol ta' helu fornit lilu ghall-perjodu bejn it-30 ta' Mejju 2011 u l-20 ta' Lulju 2011;

vii. Il-pretensjoni tar-rikorrent ghall-hlas tal-valur t'oggetti allegatament moghtija minnu lill-intimat u li ma gewx ritornati pero' ma gietx pruvata;

viii. Ghalkemm mill-fatturi prezentati mir-rikorrent il-valur komplessiv pretiz kien jammota ghal Eur5,195.72 konsistenti fis-somma ta' Eur3,655.72 ghal xoghol ta' helu fornit lill-intimat u fis-somma ta' Eur1,540 ghall-oggetti elenkati fil-prospett, it-talba tar-rikorrent quddiem il-Qorti saret ghas-somma totali ta' Eur5,140. Ghalhekk la l-pretensjoni ghall-hlas tal-oggetti ekenkati fil-prospett ma kinitx qed tigi milqugha, is-somma ta' Eur1,540 giet imnaqqsa mis-somma ta' Eur5,140 b'dana li t-talbiet tar-rikorrent kellhom jigu milqugha limitatament ghall-valur ta' Eur3,600.

L-intimat Darren Galea appella mis-sentenza. Ir-rikorrent appellat wiegeb[2]. Waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2015[3] id-difensur tal-appellant, b'zieda ma' dak li inghad fir-rikors tal-appell sostniet ukoll li l-appellant mhux legittimu kontradittur ghaliex in-

[2] Fol 8 et seq
[3] Fol 15

negozju sar mal-kumpanija San Filippo Pasticceria Limited.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-aggravju tal-appellant**

L-appellant ilmenta li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.

Jigi precizat fl-ewwel lok li Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament ta' Qorti ohra sakemm ma jkunx manifestament irragjonevoli kif intqal fost ohrajn fil-kaz **Paul Buttigieg vs Anglu Saliba et** deciz fil-15 ta' Gunju 2011 –

*"in-norma hija li din il-Qorti, bhala Qorti tal-Appell mhux normali li tiddisturba dan l-apprezzament hlief meta dan ikun manifestament zbaljat u/jew ghar-ragunijiet gravi, b'mod li jkun jista' jinghad li a bazi tal-provi prodotti, l-Ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha, b'dan li tkun ser issir ingustizzja lejn il-partijiet fil-kawza."*

Huwa wkoll evidenti li l-fattispecje tal-kaz odjern huma karatterizzati minn kunflitt bejn il-verzjonijiet tal-partijiet. Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**[4] il-Qorti kkummentat hekk dwar il-konflitt ta` provi fil-kamp civili –

*"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001. Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

L-appellant jilmenta li quddiem l-ewwel Qorti huwa ripetutament sostna taht

[4] Nru 290/01 Appell Inferjuri deciza fl-24 ta' Marzu 2004

gurament li l-fatturi li gew prezentati mill-appellat kien diga' hallashom. Jghid ukoll li c-cekkijiet li kien jaghmel l-appellant lill-appellat kienu jservu biex jithallsu l-agenti tal-appellat u mbaghad l-appellat inaqqas dawn l-ammonti mit-total dovut mill-apellant ghax-xoghol li kien itih.

Il-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (art. 559 tal-Kap 12).

Il-Qorti tibda biex tinnota li l-maggor parti tal-fatturi esibiti mir-rikorrent ikopru l-perjodu bejn it-30 ta' Mejju 2011 sal-20 ta' Lulju 2011. Imbaghad hemm tlieta minnhom bla data[5] u tlieta ohra jsemmu gurnata izda mhux data partikolari[6]. Uhud mill-fatturi jindikaw l-isem ta' klijenti tal-intimat appellant[7]. L-ewwel fattura mmarkata Dok PS 1[8] hija ffirmata mill-appellant stess. Il-firem l-ohra fuq il-fatturi li ma kinux imnizzlin fuq isem il-klijenti tal-appellant huma ffirmati minn certu Antoine Camilleri, awtorizzat mill-appellant stess biex jigborlu x-xoghol[9].

Il-mertu ta' din il-kawza huwa dwar pretensjoni ta' hlas tal-ammonti ndikati fil-fatturi prezentati mir-rikorrent. Fl-ewwel lok kien l-obbligu tar-rikorrent li jipprova li huwa kreditur tal-intimat illum appellant. Il-Qorti tqis li x-xhieda tar-rikorrent dwar hlasijiet li allegatament baqghu ma sarux kienet korroborata mill-prezentata ta' diversi fatturi, li kif inghad igorru l-firem jew tal-intimat jew ta' min kien awtorizzat minnu.

Min-naha l-ohra l-intimat appellant ma cahadx li dawk il-fatturi kienu jirraprezentaw xoghol moghti lilu; anzi kien hu stess li ta l-*invoice book* fuq San Filippo Pasticceria[10]. L-intimat appellant ikkontesta biss il-fatt li l-fatturi li taghhom kien qieghed jitlob hlas l-appellat kienu diga' mhallsa (hlief ghal dik li tammonta ghas-somma ta' Eur299.15 markata Dok PS 1 in atti[11]):

*"Il-Qorti: Jigifieri inti qed tghidli li dawn il-fatturi li pprezenta u li hu qed jghid li mhux imhallsin, huma mhallsa?*

*Ix-Xhud: Fil-fatt huma mhallsin.*

*Il-Qorti: U kif kont thallsu?*

[5] Fol 25 (ammont ta' Eur12.20); u Fol 28 (ammonti ta' Eur12.00 u Eur107.40)
[6] Fol 19 – fattura tindika "Monday"; Fol 27 – fattura tindika "Friday" u ohra "illum"
[7] Ez a fol 23 sa fol 28 – xhieda tar-rikorrent fol 41
[8] Fol 17
[9] Xhieda fol 46
[10] Xhieda tal-intimat a fol 45
[11] Xhieda a fol 46

*Ix-xhud: Kont inhallsu b'cekk u nista' ngiblek ic-cekkijiet photocopy wkoll"*[12].

Izda meta gew prodotti l-kopji tac-cekkijiet li allegatament kienu jkopru l-hlasijiet lill-appellat tax-xoghol, irrizulta mill-ewwel li mis-sittax-il kopja ta' cekkijiet esibiti mill-intimat, ghaxra minnhom igibu data antecedenti ghad-dati specifikati fil-fatturi esibiti mir-rikorrent appellat[13]. Ghalhekk kellha ragun l-ewwel Qorti li tiskarta dawn ic-cekkijiet *a priori*.

Inoltre l-Qorti tqis ukoll li l-ispjega tal-appellant[14] quddiem l-ewwel Qorti dwar kull cekk esibit xorta ma twassalx ghall-konvinciment, anke fuq bazi ta' probbabilta', li l-bqija tac-cekkijiet prodotti mill-appellant kienu jkopru proprju l-fatturi partikolari esibiti mir-rikorrent. Il-maggor parti tac-cekkijiet verament juru li dawn kienu *post-dated* ghax id-data tad-depozitu tac-cekk hija qabel id-data ndikata fic-cekk. Izda jibqa' l-fatt li l-prova tan-ness bejn kull wiehed mic-cekkijiet mahruga fil-perjodu tal-fatturi u kull wahda mill-fatturi prezentati mir-rikorrent tibqa' nieqsa. L-appellant infatti ma kienx f'pozizzjoni jindika liema cekk ikopri liema fattura.

Mistoqsi direttament mill-Qorti, l-intimat appellant xehed hekk:[15]

*"Magistrat: Jigifieri inti l-pagament ma tistax torbtu ma' fattura partikolari?*

*Xhud: U zgur li le. M'ghandix l-ebda invoice number ghax konna nahdmu fuq bicca karta."*

Aktar tard waqt l-istess xhieda huwa jerga' jirriafferma dan il-fatt[16]:

*"Magistrat:.....ic-cekks li pprezentajt illum, tista' torbothom ma', mela dan ic-cekk huwa ma' din il-fattura, dan ic-cekk huwa ma' din il-fattura l-ohra?*
*......*

*Xhud: Difficli biex norbtuhom ghaliex kif diga' ghidtlek Sinjura Magistrat, li kont naghtih cekkijiet li kienu jinqatghu tac-cekkijiet li kont inhallaslu l-agenti minnhom."*

Kien jinkombi ghalhekk fuq l-intimat appellant li juri mhux biss li huwa hallas lir-rikorrent ta' xi xoghol li ghaddielu, izda li kien hallsu proprju ta' dawn il-fatturi partikolari. Anke jekk, kif jinsinwa l-appellant, parti mill-hlas kien isir direttament lill-agenti tal-appellat, xorta l-prova ta' liema minn dawn il-hlasijiet kienu jkopru l-

---

[12] Xhieda waqt is-seduta tal-15 t'Ottubru 2012 a fol 45
[13] Dok DG 5 a fol 57; u minn Dok DG 8 sa Dok DG 16 Fol 60 sa 68
[14] Seduta tal-15 ta' Jannar 2013 a fol 69 et seq
[15] Seduta tal-15 ta' Jannar 2013 a fol 76
[16] Fol 77

ammonti ndikati fil-fatturi in kwistjoni baqghet ma saritx mill-intimat appellant.

Il-Qorti tinnota wkoll li kemm l-appellat kif ukoll l-appellant qablu li dak ix-xoghol li kien jithallas kienu jitqattghu il-karti tieghu. Ir-rikorrent appellat jixhed hekk:

*"…kien jaghtini l-karti hu kien ipoggihieli hemm, imbaghad immur ghandu u naqtghu il-karti biex nithallas. Dik kienet il-procedura*[17]*."*

L-intimat appellant jikkonferma l-istess haga[18]:

*"Il-Qorti: U ricevuti apparti li l-hlas kien b'cekk kien jaghtik jew kont tinsisti?*

*Ix-xhud: Ma konniex naghmlu ricevuti ta' xejn, anzi konna nqattghu il-karti, kien iqattaghhom hu…"*

Dan ikompli jikkonferma wkoll il-verosmiljanza tat-tezi tal-appellat. La l-original[19] tal-fatturi esibiti in atti ma kienx ghadu tqatta' l-logika tiddetta li l-ammonti ndikati fihom kienu ghadhom fil-fatt dovuti.

Apparti l-prova ta' hlasijiet ta' dawn il-fatturi b'cekkijiet li ma rnexxietx, l-appellant qieghed jinsisti wkoll li huwa gieli ghamel hlasijiet bi flus kontanti. Jekk veru ghamel hekk izda kien imissu gab prova ta' tali hlas, ta' kemm hallas bhala ammont kontanti u *se mai* liema fatturi kienu jkopru. Xejn minn dan ma sar u ghalhekk dan l-argument ma jregix.

Il-fatt li l-appellant ipprezenta cekkijiet bid-data li tiffigura fl-istess perjodu tad-dati tal-fatturi[20], wahedha ma tikkostitwixxix in-ness mehtieg ghall-prova tal-hlas. Dan ghaliex kif xehed l-appellant stess il-maggor parti tac-cekkijiet mahruga lill-appellat kienu *post-dated*. Inoltre lanqas l-ammonti ndikati fihom m'huma ghall-istess cifra li tissemma fil-fatturi. M'huwiex kompitu tal-Qorti taghmel dan l-ezercizzju hi biex tipprova tiddeduci jekk ic-cekkijiet imsemmija jew partijiet minnhom ikoprux il-fatturi in kwistjoni jew partijiet minnhom.

Oltre dan, l-allegat ftehim bejn l-appellant u l-appellat li n-negozju bejniethom kellu jintemm f'Gunju 2011 hija kontradetta bil-fattura datata 20 ta' Lulju 2011[21] u ffirmata mill-persuna awtorizzata mill-appellant biex tigborlu x-xoghol u cioe' Antoine Camilleri. L-appellant ma gab ebda prova li ghar-rigward ta' din il-fattura partikolari

[17] Seduta tal-15 t'Ottubru 2012 a fol 39
[18] Seduta tal-15 t'Ottubru 2012 a fol 45
[19] Ara verbal tal-15 t'Ottubru 2012 a fol 37 fejn il-kopji tal-fatturi esibiti gew konfrotati mal-original
[20] Cekkijiet bid-data tat-30 ta' Mejju 2011, 23 ta' Gunju 2011 u 24 ta' Gunju 2011
[21] Fol 20

Antoine Camilleri agixxa *di sua sponte*, u b'hekk huwa meqjus li dan agixxa f'isem l-appellant bhas-soltu. Ghalhekk l-appellant huwa tenut marbut bil-fattura tal-20 ta' Lulju 2011 ukoll.

Dwar il-kwistjoni tar-*returns,* il-provi wrew nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet. L-appellat baqa' jinsisti li huwa ma kellux dan il-ftehim ghalkemm jissemma episodju dwar ritorn ta' pasti li kienu mmuffaw qabel tqassmu u xi affarijiet ohra zghar ta' returns. Pero' m'hemmx ammissjoni mir-rikorrent li din kienet ir-regola[22]. L-appellant kien xehed[23] li huwa kellu ftehim verbali mar-rikorrent appellat dwar dawn ir-returns u biex jikkorrobora dak li qal kien anke pprometta li jgib *invoices* li juru dawn ir-*returns*, liema prova baqghet qatt ma tressqet. Il-ftehim dwar ir-*returns* ghalhekk ma jistax jitqies pruvat.

L-argument tal-appellant dwar in-nuqqas ta' kredibilita' holistika tal-appellat il-ghaliex dan ma rnexxilux jipprova b'success il-pretensjoni ta' hlas ghal xi oggetti li allegatament kien ta lill-appellant ukoll ma tregix. L-ewwel Qorti wara li evalwat il-provi mressqa mir-rikorrent dwar din il-pretensjoni specifika ma kinitx sodisfatta li din kienet verament misthoqqa. Madankollu dan ma jfissirx li l-appellat ma kellux jitwemmen dwar il-pretensjoni fir-rigward tal-bilanc tal-prezz li ghalih harrek lill-appellat b'riferenza ghall-bejgh u konsenja ta' pasti.

F'dan l-istadju din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar il-mod dizorganizzat li bih kien isir in-negozju bejn il-partijiet, partikolarment ghall-mod kif kien isir il-hlas ghax-xoghol. Mill-assjem tal-provi mressqa l-attur irnexxielu almenu jgib prova li huwa kien kreditur tal-appellant fl-ammonti ndikati fuq il-fatturi in kwistjoni. Min-naha l-ohra, appellant filwaqt li pprova jikkonvinci lill-Qorti li huwa kien negozjant organizzat f'xogholu, wera proprju bil-kontra ghax lanqas biss irnexxielu jallaccja c-cekkijiet esibiti ma' almenu fattura wahda. L-obbligu li jzomm rendikont organizzat tal-hlasijiet li jaghmel u jabbinah max-xoghol li ghalih kien gie effetwat l-istess hlas kien jispetta primarjament lill-appellant fl-interess tan-negozju tieghu.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u tal-provi kollha l-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant u bla bazi, u m'hemmx ic-cirkostanzi mehtiega sabiex din il-qorti tiddistakka ruhha mill-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti.

Finalment jifdal is-sottomissjoni li saret mid-difensur tal-appellant waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2015: -

*"L-avukat Tua b'zieda ma' dak li jinghad fir-rikors tal-appell issostni wkoll li l-*

[22] Xhieda tar-rikorrent a fol 33
[23] Xhieda a fol 49

*appellant mhux legittimu kontradittur ghaliex in-negozju sar mal'kumpannija San Filippo Pasticceria Limited), ara dokumenti a fol. 53 et seq"* (fol. 15).

Il-qorti tosserva:-

i. Eccezzjonjiet ma jinghatawx bil-fomm waqt is-seduta.
ii. Dan apparti li fir-rigward ta' dan l-argument l-appellant jistrieh fuq kopja ta' cekkijiet ezibiti a fol. 53 *et seq*. Dawn huma cekkijiet tal-hlasijiet li kienu jsiru lill-appellat u nhargu minn San Filippo Pasticceria Ltd. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li n-negozju kien qieghed isir bejn l-attur u dik il-kumpannija. Bil-mod li l-konvenut iddefenda ruhu quddiem l-ewwel qorti, ma kkontestax li kellu relazzjoni guridika mal-attur. Ghalhekk ukoll it-tezi tieghu fi stadju hekk avanzat tal-kawza ma jaghtix affidament ghal dak li qieghed issostni issa.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul